



---

*Kumitat għall-Affarijiet Barranin*

---

**2017/2052(INI)**

25.1.2018

# **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-QFP li jmiss: Tħejjija tal-pożizzjoni tal-Parlament dwar il-QFP wara l-2020  
(2017/2052(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Pier Antonio Panzeri



## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li l-UE qiegħda tthabbat wiċċha ma' bosta sfidi li jheddu l-istabbiltà u s-sigurtà globali u reġjonali, li jeħtieġu azzjoni esterna strateġika fit-tul fil-qafas ta' politika estera ġenwinament Ewropea bbażata fuq il-valuri; ifakkar fl-ambizzjoni tal-mexxejja tal-UE, kif espressa fid-Dikjarazzjoni ta' Ruma, li jagħmlu l-almu kollu tagħhom biex l-Unjoni tkun "influwenti fuq kwistjonijiet kbar u inqas fuq kwistjonijiet żgħar"; jenfasizza l-valur miżjud sinifikanti għaċ-ċittadini tal-UE ta' politika estera u ta' sigurtà komuni jitlob li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) juri ambizzjoni u jirrifletti dan il-valur miżjud għoli billi jiżdiedu b'mod sinifikanti l-appropriazzjonijiet tal-azzjonijiet esterni (Intestatura 4), u b'hekk il-politika estera komuni titpoġġa fil-qalba tal-funzjonament u tar-responsabbiltà tal-UE, b'konformità mal-isfidi tal-lum u mal-prijoritajiet il-ġodda tal-Ewropa;
2. Jenfasizza l-ħtieġa ta' żieda fil-finanzjament immirat f'oqsma strateġiċi, bħalma huma l-għajjnuna għall-iżvilupp, il-qerda tal-faqar, l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli, it-tisħiħ tal-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, ir-rikostruzzjoni ta' wara l-kriżi, il-governanza tajba u l-promozzjoni tar-reżiljenza ambjentali, ekonomika u soċjali fil-pajjiżi sħab, sabiex jingħata rispons Ewropew effettiv għall-isfidi globali tal-lum, inkluż il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, it-theddid għas-sigurtà u l-kunflitti armati, l-attakki ċibernetiċi, it-terroriżmu, ir-radikalizzazzjoni, il-propaganda, id-diżinformazzjoni bi skop, id-diżastri naturali u t-tibdil fil-klima, kif ukoll l-isfidi migratorji u tar-rifuġjati kkawżati minn xi wħud minn dawn il-kwistjonijiet; jenfasizza li ż-żieda fil-finanzjament għandha tkun orjentata lejn il-prijoritajiet il-ġodda tal-Ewropa, li wħud minnhom huma riflessi fl-Istrateġija Globali tal-UE, fil-politika Ewropea tal-viceinat imġedda, fil-politika tat-tkabbir u fil-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża; jisħaq li l-UE jeħtieġ ukoll li tagħti spinta lill-kapaċità istituzzjonali tagħha sabiex ikollha influwenza akbar fil-politika estera u ta' sigurtà;
3. Jappella biex tingħeleb id-disparità bejn il-prijoritajiet politiċi strateġiċi tal-UE u l-istrumenti ta' finanzjament estern (EFIs); jenfasizza li l-istabiliment ta' prijoritajiet ġodda fil-qasam tal-azzjoni esterna u l-kooperazzjoni dwar id-difiża fil-livell tal-UE għandu jkun akkumpanjat minn riżorsi ġodda, kemm fuq livell operattiv kif ukoll fuq dak amministrattiv, sabiex l-azzjoni esterna tkun kredibbli u effettiva;
4. Ifakkar fl-importanza li tissaħħaħ il-flessibbiltà li tippermetti l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi addizzjonali li jippermettu reazzjoni għal sitwazzjonijiet mhux previsti u l-użu tar-riżorsi mhux impenjati fis-snin li ġejjin; jisħaq fuq il-ħtieġa li jkunu disponibbli riżorsi sabiex ikun jista' jkun hemm reazzjoni għal theddid ġdid li qed jiżviluppa b'rata mgħaġġla, bħall-gwerra ibrida u l-attakki ċibernetiċi; jenfasizza, madankollu, li ż-żieda fil-flessibbiltà ma għandhiex tinkiseb għad-detriment ta' objettivi ta' politika fit-tul jew ta' dawk il-programmi eżistenti li qed jiksbu r-riżultati mixtieqa; jitlob li jissaħħu b'mod konsiderevoli l-mekkaniżmi ta' flessibbiltà ("strumenti speċjali") taħt il-QFP, filwaqt li fl-istess ħin jissaħħu l-linji gwida politiċi strateġiċi; itenni l-appoġġ tiegħu għall-proposta tal-Kummissjoni għal Riżerva ta' Kriżi tal-UE permanenti, sabiex jiġu evitati soluzzjonijiet *ad hoc* bħall-istabiliment ta' fondi fiduċjarji;

5. Jitlob għas-simplifikazzjoni tal-EFIs, pereżempju billi jingħaqdu fi strument uniku l-EFIs tematiċi eżistenti kollha fi ħdan il-kompetenza tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (IcSP), l-Istrument ta' Sħubija (PI) u l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR)); jissuġġerixxi li tali fużjoni tista' tinkludi l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI) u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) inkluż fil-baġit, mingħajr il-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika (FPA), soġġett għall-approvazzjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp bħala l-kumitat responsabbli; jitlob, madankollu, li l-Istrument attwali għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) u l-Istrument Ewropew tal-Viċinat (ENI) jibqgħu strumenti separati minħabba n-natura politika u finanzjarja speċifika tagħhom; jinsisti li kwalunkwe fużjoni għandha tkun kundizzjonali fuq li l-istrument tematiku l-ġdid ikun iggwidat mill-politika u fuq l-iżgurar kemm jista' jkun tal-prevedibbiltà ta' finanzjament fit-tul tal-programmi kollha, filwaqt li jiġi introdott ammont kbir ta' flessibbiltà; iqis, barra minn hekk, li l-istruttura simplifikata tipprevedi kontrolli u kontrokontrolli adegwati u trasparenza suffiċjenti, inkluż kontribut politiku strateġiku msaħħaħ u skrutinju tal-implimentazzjoni mill-Parlament;
6. Jenfasizza li l-fondi fiduċjarji ġew stabbiliti peress li l-baġit tal-UE huwa nieqes mir-riżorsi u l-flessibbiltà meħtieġa għal rispons rapidu u komprensiv għal kriżijiet ewlenin; huwa tal-fehma li l-Fondi Fiduċjarji eżistenti tal-UE jista' jkollhom valur miżjud bl-akkomunament ta' finanzjamenti għal sitwazzjonijiet speċifiċi; jinnota li sempliċi tikkettar mill-ġdid jew ristrutturar ta' finanzjamenti eżistenti tal-UE għal skopijiet politiċi ma jirrappreżentax żieda fiħ innifsu, u joħloq saff addizzjonali ta' kumplessità f'termini ta' sorveljanza demokratika u skrutinju baġitarju; itenni li l-objettivi oriġinali tal-istrumenti finanzjarji tal-UE ma jistgħux jinbidlu meta jitqiegħdu taħt intestatura ta' Fond Fiduċjarju; jenfasizza l-ħtieġa għal aktar skrutinju parlamentari tal-attivitajiet taħt il-Fondi Fiduċjarji tal-UE, il-Faċilità tal-UE għar-Rifuġjati fit-Turkija u t-Triq Konġunta 'l Quddiem dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni bejn l-Afganistan u l-UE, kif ukoll għal inizjattivi simili fil-ġejjieni; ifakkar li tali strumenti *ad hoc* barra mill-baġit tal-UE għandhom jintużaw biss jekk il-Kummissjoni tkun tista' tagħti prova ċara li r-rekwiżiti f'termini ta' valur miżjud tal-UE u l-addizzjonalità huma ssodisfati; itenni l-importanza tal-unità tal-baġit tal-UE bħala prinċipju fundamentali; jappoġġja l-użu ta' forum innovattivi ta' kooperazzjoni finanzjarja, bħal taħlit ta' għotjiet u self minn istituzzjonijiet ta' finanzjament internazzjonali u Ewropej, inkluż il-Bank Ewropew tal-Investment;
7. Isostni li l-istrumenti ta' finanzjament esterni tal-UE huma essenzjali għal azzjoni esterna effikaċi tal-UE, b'mod partikolari fil-Viċinat Ewropew (l-ENI eżistenti) u fil-pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni (l-IPA II eżistenti); jitlob li jkun hemm aktar koerenza u koordinazzjoni bejn l-istrumenti ta' finanzjament esterni; jirrimarka li s-suċċessur tal-ENI għandu jqis l-enfasi akbar fuq id-demokratizzazzjoni, l-istabilizzazzjoni, il-proċessi ta' paċi, ir-rikostruzzjoni ta' wara l-kriżi u r-reżiljenza, kemm fil-Lvant kif ukoll fin-Nofsinhar, kif ukoll jipprovdni aktar appoġġ għat-tkabbir u l-impjiegi, b'mod partikolari għall-gradwati żgħażaġh; jistieden lill-Kummissjoni żżid il-finanzjament taħt il-programm ENI li jmiss għal proġetti li jipromwovu l-impjegabbiltà taż-żgħażaġh fiż-żona lokali;
8. Jenfasizza li l-approċċ orjentat lejn ir-riżultati tal-IPA II għall-pajjiżi kandidati u potenzjalment kandidati għandu jissaħħaħ fil-qafas tal-assistenza ta' qabel l-adeżjoni ta'

wara l-2020, sabiex jikkontribwixxi b'mod effettiv għad-demokratizzazzjoni ta' dawn il-pajjiżi u għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tagħhom, speċjalment minħabba l-iżviluppi politiċi attwali fil-Balkani tal-Punent; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-istrumenti ta' finanzjament jipprovdu rispons rapidu għal żviluppi politiċi u jiffokaw fuq l-appoġġ tas-soċjetà ċivili kull meta d-demokrazija u l-istat tad-dritt ma jkunux ġew rispettati; ifakkar fil-valur tal-prinċipju "aktar għal aktar" u jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu b'mod attiv mill-possibbiltajiet previsti mir-regolamenti rilevanti f'dan ir-rigward; jistieden lill-Kummissjoni tfassal mezzi legali sabiex f'każijiet ta' deterjorament politiku serju u kontinwu, jiġu sospiżi l-fondi lill-korpi governattivi; jitlob lill-Kummissjoni tissospendi l-fondi għat-Turkija taħt il-QFP futur sakemm jintlaħqu b'mod ċar il-parametri ta' riferiment, u minflok tagħti l-fondi lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Torka;

9. Jitlob li jkun hemm aktar koerenza u l-promozzjoni ta' djalogu politiku aktar ibbilanċjat mal-pajjiżi sħab; itenni l-ħtieġa li jissaħħu s-sistemi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni biex tiġi vvalutata l-effettività u tittejjeb l-effiċjenza tal-finanzjament tal-UE; jenfasizza li taħt l-istrumenti kollha, l-UE għandha tagħmel l-almu kollu tagħha biex il-proġetti u l-inizjattivi tal-UE jsiru aktar viżibbli, kemm fil-pajjiżi terzi kif ukoll internament;
10. Jenfasizza li l-appoġġ għall-istat tad-dritt, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn is-sessi għandu jibqa' l-pedament tal-politika estera tal-UE u huwa tal-fehma li dawn il-kwistjonijiet għandhom jibqgħu kwistjonijiet trażversali fl-istrument u fl-objettivi kollha tal-politika estera kollha tal-UE, speċjalment fid-dawl tal-iżviluppi li għaddejjin bħalissa fil-Balkani tal-Punent, fil-Viċinat Ewropew u lil hinn; jenfasizza, barra minn hekk, li dan l-appoġġ għandu jiġi akkumpanjat minn azzjonijiet biex jiġi promoss it-tkabbir inklussiv li huwa ta' benefiċċju għal kulħadd, b'mod partikolari għaż-żgħażaġh u n-nisa; jitlob li jkun hemm enfasi akbar fuq it-tiżiħ tal-appoġġ għal-libertà ta' espressjoni taħt l-istrumenti ta' finanzjament sabiex tinbena r-reżiljenza għad-diżinformazzjoni; jirrimarka, b'mod partikolari, dwar ir-rwol tal-EIDHR u s-suċċessur tiegħu wara l-2020, inkluż l-appoġġ tiegħu għall-osservazzjoni elettorali;
11. Jiġbed l-attenzjoni għal-potenzjal inerenti tal-IcSP li jippromwovi s-sigurtà u l-integrità tal-fruntieri tal-UE u li jikkontribwixxi għall-paċi u l-istabbiltà madwar id-dinja, b'mod partikolari f'reġjuni li kienu vittmi ta' delitti kontra l-umanità, delitti tal-gwerra u ġenoċidju.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	23.1.2018
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 39 -: 9 0: 8
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Lars Adaktusson, Michèle Alliot-Marie, Francisco Assis, Petras Auštrevičius, Amjad Bashir, Bas Belder, Goffredo Maria Bettini, Victor Boștinaru, Elmar Brok, Klaus Buchner, James Carver, Lorenzo Cesa, Javier Couso Permuy, Arnaud Danjean, Georgios Epitideios, Eugen Freund, Michael Gahler, Iveta Grigule-Pēterse, Sandra Kalniete, Janusz Korwin-Mikke, Andrey Kovatchev, Eduard Kukan, Ilhan Kyuchyuk, Ryszard Antoni Legutko, Sabine Lösing, Andrejs Mamikins, Alex Mayer, David McAllister, Tamás Meszerics, Francisco José Millán Mon, Clare Moody, Javier Nart, Pier Antonio Panzeri, Ioan Mircea Pașcu, Alojz Peterle, Tonino Picula, Jozo Radoš, Sofia Sakorafa, Alyn Smith, Jaromír Štětina, Dubravka Šuica, László Tőkés, Miguel Urbán Crespo, Ivo Vajgl
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Brando Benifei, Rebecca Harms, Marek Jurek, Jo Leinen, Miroslav Poche, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Traian Ungureanu, Bodil Valero, Marie-Christine Vergiat
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Barbara Kudrycka, Tiemo Wölken

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>39</b>	<b>+</b>
ALDE	Petras Auštrevičius, Iveta Grigule-Pēterse, Ilhan Kyuchyuk, Javier Nart, Jozo Radoš, Ivo Vajgl
PPE	Lars Adaktusson, Michèle Alliot-Marie, Elmar Brok, Lorenzo Cesa, Arnaud Danjean, Michael Gahler, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Sandra Kalniete, Andrey Kovatchev, Barbara Kudrycka, Eduard Kukan, David McAllister, Francisco José Millán Mon, Alojz Peterle, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Jaromír Štětina, Dubravka Šuica, László Tóké, Traian Ungureanu
S&D	Francisco Assis, Brando Benifei, Goffredo Maria Bettini, Victor Boștinaru, Eugen Freund, Jo Leinen, Andrejs Mamikins, Alex Mayer, Clare Moody, Pier Antonio Panzeri, Ioan Mircea Pașcu, Tonino Picula, Miroslav Poche, Tiemo Wölken

<b>9</b>	<b>-</b>
ECR	Marek Jurek
EFDD	James Carver
GUE/NGL	Javier Couso Permuy, Sabine Lösing, Sofia Sakorafa, Miguel Urbán Crespo, Marie-Christine Vergiat
NI	Georgios Epitideios, Janusz Korwin-Mikke

<b>8</b>	<b>0</b>
ECR	Amjad Bashir, Bas Belder, Ryszard Antoni Legutko
VERTS/ALE	Klaus Buchner, Rebecca Harms, Tamás Meszerics, Alyn Smith, Bodil Valero

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni